REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 884/2010

tas-7 ta' Ottubru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1464/2004 fir-rigward taż-żmien għall-irtirar tal-addittiv "Monteban", li jagħmel parti mill-grupp tal-koċċidjostati u ta' sustanzi mediċinali oħrajn

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-possibbiltà ta' modifika fl-awtorizzazzjoni ta' addittiv mal-għalf fuq talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni u fuq opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità).

(3) L-użu tan-narasin (Monteban) kien awtorizzat għal 10 snin għat-tiġieġ tat-tismin, bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1464/2004 tas-17 ta' Awwissu 2004 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni għal għaxar snin tal-addittiv Monteban fl-għalf tal-bhejjem, li jifforma parti mill-grupp ta' koċċidjostati u sustanzi mediċinali oħra [2].

(4) Id-detentur tal-awtorizzazzjoni ressaq applikazzjoni għall-modifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal dan l-addittiv biex jitnaqqas iż-żmien tal-irtirar qabel il-qatla, minn jum wieħed għal ebda jum. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni ressaq l-informazzjoni relevanti biex isostni t-talba tiegħu.

(5) Fl-opinjoni tagħha tal-10 ta' Marzu 2010, l-Awtorità kkonkludiet li l-użu ta' Monteban għat-tiġieġ għat-tismin fid-doża massima proposta, u mingħajr ma jiġi applikat żmien ta' rtirar, ma jipperikolax lill-konsumaturi u għal-daqstant it-talba biex jitnaqqas iż-żmien għall-irtirar minn jum wieħed għal ebda jum tista' tintlaqa' [3].

(6) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 huma sodisfatti.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1464/2004 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fid-disa' kolonna, "Dispożizzjonijiet oħra", tat-tabella fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1464/2004, tithassar is-sentenza "L-użu pprojbit mill-inqas jum wieħed qabel il-qatla."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

[2] ĠU L 270, 18.8.2004 p. 8.

[3] EFSA Ġurnal 2010; 8(3):1549.